It-Tlieta, 16 ta' Lulju 2019

P9_TA(2019)0002

L-Elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Lulju 2019 dwar l-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni (2019/2041(INS))

(2021/C 165/06)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Nru 11 annessa għall-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adotta t-Trattat ta' Lisbona,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1136 tat-2 ta' Lulju 2019 ([1]), li tipproponi lil Ursula von der Leyen bħala kandidata għal President tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-istqarrija ta' Ursula von der Leyen u l-preżentazzjoni tal-linji gwida politiċi tagħha fis-seduta plenarja fis-16 ta' Lulju 2019,

— ċwara li kkunsidra l-Artikolu 124 tar-Regoli ta' Proċedura,

1. Jeleġġi lil Ursula von der Leyen bħala l-President tal-Kummissjoni għall-mandat tat-tmexxija mill-1 ta' Novembru 2019 sal-31 ta' Ottubru 2024;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jitlob lill-Kunsill u lil Ursula von der Leyen biex jipproponu bi ftehim komuni l-persuni nominati għal ħatra bħala membri tal-Kummissjoni;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill u lill-President elett tal-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 179 I, 3.7.2019, p. 2.